Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 3420/1996/1

***Louis u Connie konjugi Polidano u b'digriet tas- 17 ta' Mejju 2000 ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuni ta' Patrick, Malcolm, Kevin u Charles ilkoll ahwa Polidano fl-att tac-citazzjoni u kull fejn jirrikorri minflok l-isem ta' Louis Polidano li miet fil-mori tal-kawza fit-22 ta' Dicembru 1999.***
***vs***
***Calcidonio Bezzina u martu Josephine ghal kull interess illi jista' jkollha.***

Illum 30 ta' April 2003

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni  li biha l-atturi, wara li **ppremettew**:

- illi l-atturi Louis u Connie konjugi Polidano huma propretarji ta' bicca art diviza ossija ghalqa maghrufa bhala 'Tar-Rokon', sive 'Tax-Xwieki', kuntrada ta' l-Ghoqdi


Qrati tal-Gustizzja

f'Hal Tarxien, Malta, tal-kejl ta' seba' mija u seba' u ghoxrin metri kwadri (727mk), kif deskritta ahjar bhala 'T-TIENI PORZJON' a fol. 2 tal-kuntratt pubbliku maghmul fl-atti tan-Nutar George Cassar fis-16 ta' Frar 1993, kopja tieghu esebit flimkien mal-pjanta relattiva u kollox immarkat bhala (Dok A);
- illi l-konvenuti konjugi Bezzina huma propretarji ta' bicca art kontigwa ma l-art ta' l-attruri fuq deskritta, u cioe' l-plot numru ghaxra (10), formanti parti mill-art 'Tar-Rokna', f'Hal Tarxien, fronteggjanti triq fi stat ta' formazzjoni bl-isem ta' Triq il-Kurunell;
- Illi l-konvenuti qabbdu u invadew l-art propreta' ta' l-atturi, meta bdew jezegwixxu xogholijiet fil-pedamenti u ddelineazzjoni tal-pozizzjoni tal-hajt divizorju bejn l-art proprjeta' ta' l-atturi u dik propjeta' tal-konvenuti, b'dan illi l-konvenuti fix-xogholijiet taghhom dahhlu almenu zewg piedi u pulzieri (2'1") l-gewwa fil-propjeta' ta' l-atturi;
- Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati bonarjament, baqghu ghaddejjin bix-xogholijiet taghhom fuq l-art proprjeta' ta' l-atturi tant illi l-istess atturi talbu ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni – u l-Qorti akkordat – li jinhareg l-istess mandat kontra l-intimati / konvenuti sabiex jinzammu milli jaghmlu xogholijiet ta' thaffir jew kwalunkwe xogholijiet ohra ta' kostruzzjoni ghal dan il-ghan bhal ma huma l-pendamenti etc (Mandat Numru 4601/96);
- Illi x-xogholijiet li saru s'issa diga kkawzaw inkonvenjent u danni lill-atturi;

**Talbu** li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

**1.** Tiddikjara illi l-konvenuti konjugi Bezzina invadew, okkupaw u bdew jezegwixxu xogholijiet ta' kostruzzjoni fuq art proprjeta' ta' l-atturi konjugi Polidano;

**2.** Tikkonferma d-digriet finali moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4601/96, b' dan illi tinibieh milli jissokta fil-bini ta' tali kostruzzjoni;

**3.** Tikkundanna lill-konvenuti konjugi Bezzina sabiex fi zmien qasir u perentorju lilhom prefiss minn din l-

Onorabbli qorti, huma jhottu dawk ix-xogholijiet kollha li saru s' issa fuq art proprjeta' ta' l-atturi u jreggghu kollox ghall-istat originali tieghu, okkorrendo b' opera ta' perit nominandi, a spejjez ta' l-istess konvenuti konjugi Bezzina;

**4.** Fin-nuqqas, l-atturi jkunu awtorizzati li jwaqqghu u jnehhu x-xogholijiet kollha illi saru mill-konvenuti abusivament u illegalment fuq art proprjeta' taghhom, u dan kollu a spejjes tal-konvenuti;

Bir-riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-atturi kontra l-istess konvenuti;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 4601/96 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepixxu:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;
2. Illi l-atturi iridu jippruvaw it-titolu taghhom fir-rigward tal-art in kwistjoni;
3. Illi ic-citazzjoni hija nulla stante li ma tindikax liema hi l-art li allegatament giet invaza mill-konvenuti u t-talbiet attrici mhumiex cari minhabba dan in-nuqqas;
4. Illi l-fatti kif esposti fic-citazzjoni u fir-rikors tal-mandat imsemmi mhux korretti;
5. Illi l-konvenuti kienu qedin ihaffru fuq il-propjeta tagghom u dan jista jigi konfermat mill-Perit David Pace u mis-surveyor Michael Ebejer;
6. Illi qed jigi anness bhala Dok A kopja tal-kuntratt li bih l-konvenuti xtraw il-propjeta kif ukoll pjanta li tindika liema hi l-art tal-konvenuti fuq liema art qieghed isir ix-xoghol;
7. Illi ghandu jigi appuntat Perit biex jara il-kuntratti relattivi, il-pjanti relattivi u jispezzjona l-post;
8. Illi l-konvenuti se jibnu r-residenza taghhom skond il-pjanti approvati mill-Planning Authority;

9. Illi t-tieni talba ma ssibx sostenn legali biex tigi ammessa;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fejn gie nominat il-Perit Arkitett Joseph Ellul Vincenti bhala espert tekniku ai termini tal-istess digriet (fol.31);

Rat id-digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2000, fejn din il-Qorti, stante il-mewt tal-attur Louis Polidano, ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju ta' uliedu **Patrick, Malcolm, Kevin u Charles ahwa Polidano**;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2002 fis-sens li l-perit tekniku halef ir-rapport tieghu, u li jinsab esebit a fols.61 *et seq*. tal-process;

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Marzu 2003 il-kawz thalliet defenittivament ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

Illi bazikament il-kwistjoni timpernja fuq allegazzjoni da parti tal-atturi li l-konvenuti, li ghandhom l-art kontigwa ma taghhom, nvadew il-plot tal-istess atturi, u okkupaw circa zewg piedi u pulzier minnha. Il-konvenuti minn naha taghhom cahdu din l-allegazzjoni u sostnew li huma bnew skond il-pjanta annessa mal-kuntratt tal-akkwist tal-art taghhom.

Illi l-Qorti kienet inkarigat lil Perit Arkitett Joseph Ellul Vincenti sabiex, wara li jezamina d-dokumenti relattivi, jisma' xhieda bil-gurament u jghamel kostatazzjonijet fuq il-post, jirrelata dwar din il-vertenza.

Illi fir-rapport tieghu l-imsemmi perit ikkonkluda hekk: *"..**l-konvenut fl-ebda punt ma dahal jew invada art tal-attur**.*[1] *Il-linja BCD, kif issa giet stabbilita mis-sottoskritt (ara pjanti annessi mar-rapport), taghti lill-attur l-art u l-area kollha li hu kien akkwista minghand (John) Gialanze*[2] *bla ma jitlef ebda parti mill-art tieghu. Huwa veru li l-faccata tal-plot ta' l-attur issa (wara li djeqet it-triq) sejra tickien konsiderevolment u ssir DF flok CG*[3] *pero' dan sar skond pjanti u ftehim u kuntratt li kienu saru meta saret id-divizjoni ta' l-art".(fols.74 u 75)*

Illi ghalhekk jidher car li l-allegazzjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt, u mhumiex gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, prevja li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kollha a kariku tal-istess atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Emfasi tal-Qorti
[2] Vide Kuntratt -Fols.104 *et seq.*
[3] Vide pjanti annessi mar-rapport.